

# Salvu Psaila, Skultur u Marmista Bormliż

## (1798 - 1871)

**Kitba ta' Joseph R. Gatt**

Salvu Psaila naqqax statwi ta' livell għoli li bihom ismu baqa' ħaj sa żmienna l-aktar bl-istatwa ta' Sant'Elena għall-knisja ta' Birkirkara.

Jekk il-Karkariżi huma mkabbrin u ferħanin b'din l-istatwa hekk ukoll dawk il-bliet u rħula oħra bil-vari tiegħu.

Salvu twieled f'Bormla fl-20 ta' Jannar 1798, miż-żwieġ ta' Tommaso u Clara Margarita, xebba Galea. Għammduh l-għada fil-knisja ta' Bormla u tawh l-ismijiet Salvatore, Giuseppe, Giovanni u Vincenzo. Kellu erba' ħutu bniet u ħuh il-kbir, li miet ta' ftit xhur. Salvu kien ta' qabel l-aħħar wild tal-familja.

Il-ġenituri tiegħu kienu min-Nadur, Għawdex imma wara ġew joqogħdu Bormla. Salvu żżewweġ ta' 31 sena lil Lorenza fit-22 ta' Ottubru, 1828, xebba Vella mill-Furjana mgħammda fil-knisja ta' San Pawl, Valletta. Iżżewġu fil-knisja ta' San Publiju, tal-Furjana. Żewwiġhom Dun Tumas Psaila, kuġin ta' Salvu, quddiem ix-xhieda Dr Josepho Musci J.U.D. u Natale Bajada. Waqqfu l-familja tagħhom fil-Furjana, fejn kienu joqogħdu l-familji Psaila u Vella qabel iżżewġu. Wara xi żmien marru joqogħdu f'Birkirkara. Mill-ħamest itfal tagħhom, it-tifel il-kbir biss, Franġisku, baqa' ħaj. Martu Lorenza mietet ukoll, fl-14 ta' Frar 1841. Kellha biss 32 sena u Salvu ma reġax iżżewweġ.

## Skultur u Marmista

Sa minn ċkunitu wera ġibda lejn l-arti tal-iskultura li wasslitu biex isir skultur magħruf. Kien alliev ta' Mariano Gerada (1766-1823). Pietru Pawl Castagna minbarra li jagħtina lista ta' ħafna xogħlijiet tiegħu jgħidilna wkoll meta tlestew u fejn jinsabu. Għad li jgħid li kien marmista u fix-xogħol kien ikun megħjun minn ibnu Franceso ma jsemmi xejn dwar dawk li ħadem ibnu li kien ukoll skultur bħalu.

In-nutar E.F. Montanaro jagħtina aktar tagħrif dwaru u l-kummissjonijiet li kellu. B'hekk ħareġ aktar għad-dawl lil Salvu Psaila li żgur għandu paġna fl-istorja tal-Arti ta' Malta li għad trid tinkiteb xjentifikament.



L-istatwa tal-Kunċizzjoni tal-Patrijiet Minuri fil-Belt Victoria, Għawdex.

Dan l-iskultur Bormliż kien jonqox tajjeb fl-injam, fil-ġebla Maltija u fl-irħam. Kellu teknika tajba li jagħti l-kulur lill-irħam. Imma l-aqwa xogħlijiet tiegħu huma l-vari proċessjonali li għandna fil-knejjes tagħna, ispirati mill-arti Barokka bi stil oriġinali tiegħu. Żgur li Melchiore Gafà, Mariano Gerada, Vincenzo Dimech u Siġismondo Dimech influwenzawh f'ħidmietu.

Psaila kien magħruf ukoll mill-Qorti ta' Malta, tant li fl-1857, ħatritu wieħed mit-tliet "periti dell'arte" biex jagħti l-opinjoni artistika tiegħu dwar il-kwistjoni li qamet dwar il-vara tar-Redentur li Pietro Paolo Azzopardi (1791-1875) ħadem għall-Fratellanza tal-Kurċifiss ta' Bormla.

## Ħidmietu

L-istatwi tiegħu mnaqqxa fl-injam insibuhom fil-parroċċa tal-Birgu; tliet vari tal-Ġimgħa l-Kbira - Kristu marbut mal-kolonna u fflaġellat, Kristu nkurunat bix-xewk bilqiegħda fuq nofs kolonna. Żewġ vari sbieħ, maħduma tajjeb li jolqtuk għall-espressjoni tal-uċuh u l-anatomija tagħhom. Hawn Psaila wera l-kefrija tal-flaġellazzjoni. Fl-1833 naqqxilhom it-tielet vara, dik ta' Kristu Rxoxt ħiereġ jittajjar minn ġol-qabar ta' taħtu. Kif għedna fil-bidu għall-knisja ta' Birkirkara, ħadem vara maestuża u ta' preġju kbir - Santa Elena b'għajnejha dejjem imsammra fuq is-salib kbir li qed iżżomm b'idha l-leminija. Għaż-Żrieraq, fl-1842 tahom vara tal-Madonna tal-Karmnu, għaxqa ta' statwa! Vara oħra proċessjonali li biha għamel isem hija - il-Kunċizzjoni fil-knisja ta' San Franġisk tar-Rabat, Għawdex maħduma fl-injam fl-1848. Harġitlu tajba, kemm fl-istil barokk li għażel, fil-kompożizzjoni u x-xogħol. Bormla għandna x-xorti li ngawdu kopja maħduma





**L-istatwi tal-Ecce Homo u l-Marbut, meqjuma fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz il-Birgu.**



L-istatwa ta' Sant'Andrija



L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq

mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi fl-1975, għad-dimostrazzjoni fil-jiem tal-festa. Il-fratellanza ta' San Andrija ta' Bormla, kienet ilha bil-ħsieb u x-xewqa li jkollha statwa tal-qaddis protettur tagħha. Kien fl-1844 li Salvu Psaila lesta din l-istatwa. Naqqaxha bil-pedestall b'kollox f'Birkirkara u l-fratellanza ħadet statwa kif tassew xtaqet. Illum narawha fis-sagristija fin-niċċa li Abram Gatt (1863-1944) kien għamel għall-vara tal-Kunċizzjoni.

## Xogħol fl-irħam u l-ġebla

Ix-xogħlijiet li nafu li ħadem fl-irħam u l-ġebla huma ftit; mezzobust tal-armirall Fremeantle (1833) u jinsab fl-Ingilterra, bust tal-Kav. Vincenzo Borg Brared fl-awla kapitulari (Birkirkara) u l-altar maġġur tal-istess parroċċa. P.P. Castagna jgħid li ħadem diversi monumenti, altari u xogħol ieħor ta' skultura għal knejjes u djar bla ma jgħid fejn jinsabu. Ma' dawn ix-xogħlijiet żgur li rrestawra u ħadem opri oħra tal-arti. Hemm ħafna u ħafna oħra, (bħal lapidi ta' oqbra) li għadhom ma ħarġux għad-dawl tagħna.



L-istatwa ta' Santa Liena f'Birkirkara

## Miet f'Birkirkara

Salvu Psaila miet f'Birkirkara fit-12 ta' Novembru 1871 fid-dar tiegħu, li dak iż-żmien kienet fi "Strada Vallone, Nro. 86". Kellu 73 sena u l-funeral solenni tiegħu sar fil-knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Santa Elena. B'qima u rispett li kien igawdi mill-Karkariżi, sar kollox *gratis* kif kien sar ukoll tletin sena qabel fil-funeral ta' martu Lorenza. Ġie midfun fil-kripta tal-istess knisja. Fi żmien qasir Malta tilfet żewġ skulturi oħra tajba, lil Anton Chircop, Senglean (1798-1869) u liż-Żejtuni Xandru Farrugia (1791-1871), li kollha baqgħu ħajjin fostna bix-xogħlijiet sbieħ tagħhom.

## Għeluq

Kif rajna, dan l-iskultur Bormliż kien magħruf sewwa fis-seklu dsatax. Kien skultur prolifiku u versatili li naqqax statwi li għadna ngawduhom. L-evalwazzjoni ta' Salvu Psaila toħroġ minn dak li għamel. B'turija tar-rabta li kellu mal-Karkariżi, iż-Żrieraq u r-Rabtin Għawdxin semmew toroq għalih. Kien l-ewwel skultur statwarju Bormliż li għamel vari għall-knisja ta' Bormla.


Biblijografija:-

Arkivji Parrokkjali ta' Bormla, San Pawl Nawf. Valletta, Birkirkara - Santa Liena, Nadur.

Reġistru Publiku Valletta.

Proċess - Appell Ċivili, 8A/1858.

L'Ordine 19.2.1858.

Castagna P.P. - *Lis Storja ta' Malta bil Gżejer Tahha* (It-tieni darba 1888).

Camilleri J.C. *Malta Year Book 1994*.

Montanaro E.F. - *Leħen il-Għaqda Karmelitana*, Żurrieq, 1986.

Deacon J.A. - *Ġabra ta' Mħabba w Storja*, 1978.

*Prceedings of History Week* 1981.

Muscat J. - *Luminarja* Diċ. 1988.





Ċentru 19 ta' Novembru - Bormla